# Ir-rapport ta' l-Eżaminatur Ewlieni tal-Malti

## Eżami tal-Malti

## Eżami tad-Dħul fl-Ewwel Klassi tal-*Junior Lyceum* 2002

| L-Ittra/in-numru tal-mistoqsija | L-opinjoni tal-eżaminaturi dwar il-mistoqsija | Kif wieġbu t-tfal il-mistoqsija | Kummenti oħra |
|---|---|---|---|
| **A** | - Storja fantastika, qrib it-tfal b'mistoqsijiet pjuttost ħfief u diretti ż-żejjed. | - Il-biċċa l-kbira wieġbu tajjeb.<br>- Xi wħud ikkupjaw il-kliem ħażin.<br>- Oħrajn ħallew l-punteġġjatura barra. | - Jinħass li wasal iż-żmien li f'Taħriġ il-Fehem, jibdew jingħataw aktar mistoqsijiet ta' xeħta inferenzjali.<br>- Il-kandidati jintalbu jwieġbu sentenzi sħaħ u kompluti aktar milli kelma waħda jew tnejn. |
| **B** | - Eżerċizzju dwar l-idjoma u l-qawl dirett. | - Il-biċċa l-kbira wieġbu tajjeb. | - Kien hemm min ikkopja ħażin.<br>- Jeħtieġ li jiżdiedu wkoll il-verbi frejżjali.<br>- Il-kandidati jintalbu jagħtu t-tifsira huma. |
| **Ċ** | L-eżerċizzju kien wieħed li ssibu f'ħafna kotba tat-tagħlim u jittestja l-ħila li wieħed jara s-sekwenza bejn sentenza u oħra. | - Ftit kienu dawk l-istudenti li ġabuhom tajbin kollha. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **D** | - Eżerċizzju tajjeb. | - Mhux il-kandidati kollha wieġbu tajjeb. Dan jgħodd b'mod speċjali għal kliem bħal *imġewwaħ/miġwieħ.* | |
| **E** | - Eżerċizzju tajjeb ħafna li fih kien hemm aspetti varji li wieħed seta' jittestja. | - Mhux il-kandidati kollha wieġbu tajjeb.<br>- Żbalji komuni kienu l-imperattiv fin-negattiv, il-perfett tal-verb *xeba'* u n-nom minn *naqqas*. | - Dan huwa eżerċizzju ideali, li hemm bżonn li nkomplu naħdmu bih.<br>- Permezz ta' eżerċizzji ta' dan it-tip inkunu nistgħu nħarrġu u nittestjaw il-kandidati f'aspetti varji tal-lingwa. |
| **F** | - Eżerċizzju marbuta mal-media, 'veru' u 'ta' kuljum'. | - Il-kandidati jinħassu li ħadu gost iwieġbu dan l-eżerċizzju. | - Eżerċizzju tajjeb ħafna li juri kif l-aspett ta' ttestjar jista' jkun marbut ukoll mad-dinja reali. |
| **Ġ** | - Eżerċizzju tajjeb li biex jintwieġeb il-kandidati ried iħaddem moħħu. | - Mhux il-kandidati kollha kienu f'qagħda li jagħtu l-ħames raġunijiet għall-kors li għażlu. | - Fil-klassi għandu jkun hemm żieda f'eżerċizzji ta' dan it-tip għaliex permezz tagħhom wieħed ikun jista' jħarreġ lill-istudenti fis-sintassi li hija importanti ħafna f'kull lingwa.<br>- Barra minn hekk tiżdied l-enfasi fuq is-sentenza u kif din tissensel u tinbena. |
| **G** | - Ħafif ħafna. | - Wieġbu tajjeb.<br>- Xi wħud żbaljaw fl-għerq ta' | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | *tilgħab* u fl-Imperattiv *Igru.* | |
| **Għ** | - Eżerċizzju tajjeb. | - Mhux kulħadd kien jaf xi tfisser l-kelma *xefaq*. | - Għandu jkun hemm eżerċizzji aktar ta' dan it-tip. |
| **H** | - Eżerċizzju interessanti dwar reklam.<br>- Eżempju ieħor ta' kif l-eżerċizzji jistgħu joqorbu lejn id-dinja ta' kuljum. | - Wieġbu mhux ħażin iżda ma naqsux l-iżbalji ortografiċi.<br>- Ħafna tfixklu l-kelma *Awstrija* ma' *l-Awstralja.* | |
| **Ħ** | - Il-ħames titli kienu interessanti. | - Xi wħud marru tajjeb ħafna u oħrajn setgħu marru wisq aħjar. | - Wieħed ma jistax ma jarax il-kitbiet brillanti ta' xi wħud mill-istudenti li jinħass li kienu mmexxija tajjeb mill-għalliema tagħhom mhux biss f'dawk li huma ideat iżda anke fil-mod kif wieħed jesprimi dawn l-istess ideat .<br>- Il-koeżjoni, is-sekwenzjar, l-irbit, l-unita` u r-'ritmu' ta' xi wħud mill-kandidati kienu ta' livell għoli.<br>- Dan jgħodd ukoll għall-ortografija, il-punteġġjatura, il-kaligrafija, il-vokabolarju u s-sintassi<br>- Xi wħud madanakollu jinħassu li jridu jaħdmu |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | ħafna aktar biex jaslu jesprimu lilhom infushom b'mod li jagħmel sens u b'ortografija u sintassi f'posthom. |

**Kummenti ġenerali dwar il-karta**

**L-eżaminaturi ħassew li għandhom jgħidu dan li ġej:**

- Il-karta kienet gradata pjuttost tajjeb, b'eżerċizzji ħfief u oħrajn inqas ħfief. Ma jonqsux madankollu xi wħud li kienu diretti wisq.
- L-eżerċizzji kienu kollha f'kuntest kif titlob il-pedagoġija ta' żmienna.
- L-eżerċizzji kienu marbuta ma' stejjer fantastiċi u suġġetti meħuda mill-ħajja ta' kuljum. B'dan il-mod fantasija u funzjonalita` ħadmu flimkien.
- Il-karta kienet mibnija b'tali mod li l-istudent mhux biss juri x'jaf dwar il-lingwa, iżda wkoll li juri l-ħila tiegħu fl-applikazzzjoni ta' dak li jaf.

**Suġġerimenti għall-karti ta' l-eżamijiet u t-tagħlim fil-klassi**

- It-tweġibiet f'Taħriġ il-Fehem għandhom ikunu sentenzi sħaħ. Din l-istruzzjoni għandha tidher fil-mistoqsija.
- Il-mistoqsijiet f'Taħriġ il-Fehem għandhom ikunu aktar impenjattivi u mhux sempliċiment eżerċizzju fl-ikkupjar.
- Għandu jkun hemm aktar taħriġ bħal Ġ biex b'hekk isir aktar tħarriġ fil-lingwa b'mod speċjali f'dik li hija sintassi u ma nibqgħux nagħfsu biss fuq id-*drilling* ta' ftit regoli grammatikali biss.
- Kollox ma' kollox din il-karta ntlaqgħet tajjeb u hemm x'juri li kienet ta' livell tajjeb.
- J'Alla din il-karta barra li sservi biex tagħti idea lill-istudenti, lill-ġenituri u lill-għalliema fejn waslu t-tfal, fl-istess ħin tgħin biex ikun hemm dejjem titjib fit-tagħlim.